# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Gimgha tlieta (3) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 410/09 FDP**

**Supretendent Sharon Tanti**
**(ID 2772M)**

**vs**

**Matthew Vella**
**(ID 279980M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-27 ta' Ottubru 2009 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghal zewgt artikolu illi gew ippubblikati fil-harga tal-11 ta' Ottubru 2009 bl-ismijiet '***Caught red handed and still no one seems to care***' u '***Brute force blow by blow***', talbet lill-Qorti tiddikjara tali publikazzjonijiet bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront taghha u ghalhekk talbet lill-Qorti tikkundanna lill-Matthew Vella, bhala editur ta' l-istess gurnal, ihallasha danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat il-kontenut kollu tal-artikoli meritu tal-kawza odjerna u, partikolarment, il-partijiet fejn dawna ghamlu referenza ghar-rikorrenti stess u minnha indikati bhala malafamanti, u dana kienu s-segwenti:

> ***Caught red handed and still no one seems to care***
>
> *"Yet nothing beats the manner we encounter when we deal with the Maltese Police: especially under the captaincy of that wonderful Superintendent, the one and only Sharon Tanti.*
>
> ....

*Superintendent Sharon Tanti finds the time to direct all her energies to arrest a woman who was supposed to have received a citation and appear in court.*

...

*When I think of all the crime taking place in St. Julian's district, I ask myself: does this Sharon Tanti really believe that her highhandedness is justified?"*

U

***Brute force blow by blow***

*"The incident caught on CCTV shows the excessive and disproportionate use of force by police officers. All eyes are on Superintendent Sharon Tanti who runs the St. Julian's district, and who has come under criticism from the media for her mishandling of arrests and detention of individuals"*

Rat l-eccezzjonjiet ta' l-intimat ippresentati fit-18 ta' Jannar 2010 fejn sahaq illi dana kien kaz ta' fair comment u l-gazzetta kellha kull dritt illi tikkummenta.

Rat ix-xhieda tas-**Supretendent Sharon Tanti** moghtija fl-20 ta' Jannar 2010.

Rat ix-xhieda tal-**PS 1207 Robert Said Sarreo** moghtija fl-1 ta' Gunju 2010.

Rat illi fl-1 ta' Gunju 2010 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat ix-xhieda ta' **Matthew Vella** moghtija fit 2 ta' Novembru 2010 u fid 9 ta' Frar 2011.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Sharon Tanti moghtija fid 9 ta' Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr William Cuschieri** moghtija fid 19 ta' Ottubru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Rose Parnis** moghtija fid 19 ta' Ottubru 2012 u fis-26 ta' Novembru 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Glorianne Parnis** moghtija fil-25 ta' Frar 2013.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimat fit 3 ta' Mejju 2013, ossija hames artikoli differenti.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Marisa Zammit** moghtija fl-10 ta' Gunju 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet il-kontro ezami tal-Ispettur Robert Said Sarreo moghtija fl-10 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda tal-**PS 1218 Raymond Vella** moghtija fil 15 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Balzan** moghtija fl-20 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**WPS 48 Sarah Zerafa** moghtija fis 6 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Bernard Spiteri** moghtija fis 6 ta' Ottubru 2014.

Semghet il-kontro ezami tas-Supretendent Sharon Tanti moghtija fis-6 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Clive Parnis** moghtija fil 25 ta' Gunju 2015.

Rat illi fil 25 ta' Gunju 2015 il-Qorti ddikjarat il-provi kollha bhala maghluqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fl-14 ta' Dicembru 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentata fit 30 ta' Marzu 2016.

Rat illi fis 16 ta' Mejju 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-7 ta' Ottubru 2009, l-PS 1207 Robert Said Sarreo, li kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' San Giljan, mar gewwa il-hanut Rovic Ironmongery sabiex jezegwixxi mandat ta' arrest fil-konfront ta' certa Rose Parnis, peress illi hija kienet naqqset milli tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'seduta illi kellha u ghalhekk kien inhargilha Mandat ta' Arrest sabiex jigi assikurat illi tittella quddiem il-Magistrat fis-seduta li kien imiss tat-8 ta' Ottubru 2009 u dana mar flimkien mal-PC 446 u l-WPC 48.

Jirrizulta illi, meta marru fuq il-post, l-PS Said Sarreo sab lill-Rose Parnis fil-hanut, izda hija rrifjutat illi tmur maghhom u l-Pulizija kienu rinfaccjati b'tghajjir da' parte ta' l-istess Rose Parnis kif ukoll it-tfal taghha Lorraine u Clive Parnis.

Jirrizulta illi sussegwentement il-PS Said Sarreo talab l-assistenza tal-Pulizija mill-Ghassa ta' San Giljan, u telghu l-Ispettur Bernard Spiteri flimkien mal-PC 52 u l-PS 157.

Jirrizulta illi nelfrattemp, Rose Parnis kienet ikkomunikat mal-avukat taghha, Dr William Cuschieri, liema avukat ikkomunika mar-rikorrenti, is-Supretendent Sharon Tanti, illi dak iz-zmien kienet responsabbli mill-Ghassa ta' San Giljan, u dana sabiex jghidilha biex il-Mandat ordnat mill-Qorti ma jigix ezegwit u sabiex jassikura lill-istess rikorrent li Rose Parnis kienet ser tigi minn rajha l-Qorti l-ghada.

Jirrizulta illi, mument minnhom, s-Supretendent Tanti kienet gharrfet lill Dr Cuschieri illi kienet disposta li taccetta li Parnis titla minn rajha l-ghada filghodu, madanakollu, hekk kif kienet qieghda taghrfu dwar dan, hija kienet giet informata illi nelfrattemp, waqt illi hija u Dr Cuschieri kienu ilhom jiddiskutu dwar il-kaz ghal aktar minn tlett kwarti, it-tifel ta' Rose Parnis, ossija Clive Parnis, kien dahal fil-hanut u attakka u hebb ghall-Pulizija u ghalhekk kellu jigi arrestat. Kien ghalhekk illi s-Supretendent Tanti gharrfet lill Dr Cuschieri illi l-ordni tal-Qorti kienet ser tigi ezegwita, kif suppost, u Rose Parnis kienet ser tigi arrestata.

Jirrizulta illi, sussegwentement, wara illi Rose Parnis giet arrestata, hija bdiet tilmenta b'ugiegh f'sidirha u ghalhekk ittiehdet l-Isptar ghall-accertamenti fejn gie stabbilit illi ma kellha xejn ghajr ghal ecitazzjoni rizultanti mill-arrest illi kien sarilha.

Jirrizulta illi l-ghada, Rose Parnis ittellghet il-Qorti u eventwalment giet illiberata mill-akkuzi stante illi l-akkuzi kienu gew dikjarati preskritti.

Jirrizulta wkoll illi, sussegwentement, l-istess Rose Parnis kienet ittellghet il-Qorti akkuzata talli hebbet ghall-Pulizija meta dawna marru sabiex jarrestawha u, di fatti, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 21 ta' Frar 2012, hija instabet hatja talli attakkat u rresitiet bi vjolenza u li hebbet ghall-Ispettur Bernard Spiteri u l-PS 1207, PS 157, OC 52, PC 446 u WPC 48, li m'obdietx l-ordnijiet legittimi taghhom u li ingurjathom u heddithom, u dana kif jirrizulta minn dokumentazzjoni esebita mill-Pulizija stess a fol 125 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fil-hanut tas-sinjura Rose Parnis, kien hemm CCTV camera li kien irrekordja l-akkadut kollha li kienet tirrigwarda l-arrest taghha da' parte tal-Pulizija.

Jirrizulta illi s-sinjura Rose Parnis, kif kienet heddet lill-Pulizija illikienet ser taghmel meta arrestawha, l-ghada marret fl-ufficini tal-gazzetta Maltatoday bir-recording u ritratti u l-gazzetta Malta Today, fil-harga taghha tal-11 ta' Novembru 2009, ossija erbghat ijiem wara l-akkadut, ghaddiet biex ippubblikat ir-ritratti mehudha mir-recording tas-CCTV kif ukoll ippubblikat zewgt stejjer, illi huma l-meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi kollha prodotti fuq medda ta' hames snin, principlament mill-intimat, illi il-process kollu illi involva l-arrest ta' Rose Parnis spicca biex involva madwar sitt Pulizija b'kollox, peress illi hija kienet qieghda tirresisti u tirrifjuta li tigi arrestata u t-tifel taghha mar sabiex jagredixxi lill-Puluzija, izda imkien ma kien hemm presenti r-rikorrenti s-Supretendent Sharon Tanti.

Jirrizulta, dejjem mill-provi kollha prodotti, illi l-unika involviment tar-rikorrenti s-Supretendent Sharon Tanti kien meta l-avukat ta' Rose Parnis, Dr William Cuschieri, kkomunika ma' l-istess Sharon Tanti u talabha sabiex il-Pulizija ma tobdiex l-ordnijiet mahruga mill-Qorti tal-Magistrati u ma tarrestax lill-Rose Parnis, ghalkemm kellha ordni sabiex taghmel dan.

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda prodotta, illi l-istess rikorrenti, mument minnhom, kienet qieghda tikkontempla terfgha fuqha r-responsabblita' li ma tigix arrestata Rose Parnis, u dana in vista ta' assikurazzjonijiet illi beda jaghtiha l-Avukat Dr William Cuscheri, izda sussegwentement saret taf li Rose Parnis u t-tifel taghha Clive Parnis kienu hebbew ghall-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u ghalhekk insistiet illi l-ordni tal-Qorti tigi ezegwita.

Jirrizulta, ghalhekk, illi r-rikorrenti s-Supretendent Sharon Tanti, qatt ma kienet presenti u/jew involuta fl-arrest ta' Rose Parnis, u l-unika involviment taghha kien meta l-avukat Dr William Cuschieri talabha sabiex ma tobdiex l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati, liema ordni, madanakollu, hija ezegwiet in vista ta' l-agir tal-familja Parnis.

Jirrizulta, finalment, illi l-istess Rose Parnis instabet hatja talli hebbet u attakat lill-Puluzija kollha involuti fl-arrest illi kien rekordjat fuq is-CCTV u li gie imxandar mill-Maltatoday fil-harga taghhom tal 11 ta' Novembru 2009 wara illi l-familja Parnis ghaddiet l-istess lilhom.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, fid-difiza tieghu, iqajjem l-argument illi dak minnu hemm irrapurtat kien 'fair comment', u ghalhekk ma setax jitqies bhala libelluz.

Ikun ghalhekk utili li wiehed jezamina l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' sabiex wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-'*fair comment*'.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta’ ‘*fair comment*’ u ‘*value judgment*’ tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fiz-zewgt artikoli meritu tal-kawza odjerna u li dwarhom tilmenta r-rikorrenti, qieghed jigi allegat mill-intimat illi r-rikorrenti, bhala Supretendent ta' l-Ghassa tal-San Giljan, kienet qieghda tagixxi bi poteri 'l hinn mill-Ligi u kienet qieghda tarresta persuni illegalment.

Jirrizulta, di fatti, illi fl-artikolu intitolat ***Caught red handed and still no one seems to care,*** l-artikolist Saviour Balzan jghid:

> *"does this Sharon Tanti really believe that her high handedness is justified?"*

Sussegwentement, fl-artikolu intitolat '**Brute force blow by blow**' taht serje ta' ritratti mehudha mir-rekording tas-CCTV li juri l-arrest ta' Rose Parnis, l-artikolist jghid is-segwenti:

> *"All eyes are on Superintendent Sharon Tanti who runs the St. Julians district and who has come under criticism from the media for her mishandling of arrests and detention of individuals"*

Jirrizulta ghalhekk car illi, fiz-zewgt artikoli, qieghed jigi allegat illi r-rikorrenti tarresta persuni illegalment u tmur 'l hinn mill-poteri moghtija lilha mill-Ligi.

Jirrizulta, madanakollu, illi dawna l-allegazzjonijiet ma humiex korretti, u dana kif jirrizulta minn rapport dettaljat ippresentat mill-Human Resources tal-Korp tal-Pulizija a fol 117 sa 127 tal-process, fejn jidher bic-car illi, ghalkemm kien hemm rapporti varji dwar operat ta' membri tal-Puluzija gewwa l-Ghassa ta' San Giljan bejn is-snin 2007 sa 2009, imkien ma kien hemm xi rapport kontra r-rikorrenti u l-operat taghha, kie qieghed jallega l-intimat.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm l-intimat ghamel referenza ghall-storja li kienet giet rappurtata ftit xhur qabel fejn persuna kienet giet arrestata fil-bajja ta' San Gorg peress illi halliet il-kelb taghha jigri fuq ir-ramel meta dana kien ipproibit, liema kaz kien gie ampjament irrappurtat fil-gazzetta Maltatoday f'Awissu 2009 (vide fols 101 - 106), l-istess persuna, certa Ina Grech, kienet skuzat ruhha mal-Puluzija tal-akkadut kollu quddiem il-Qorti u kienet instabet hatja, fatt illi ma jidher irrappurtat imkien mill-gazzetta Maltatoday.

Jirrizulta, finalment, illli fil-kaz illi gie rappurtat fil-harga tal-11 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti Supretendent Sharon Tanti ma kienet bl-ebda mod involuta fl-arrest ta' Rose Parnis, u l-unika involviment taghha kien meta cempillha l-avukat ta' Rose Parnis, Dr William Cuschieri, fejn talabha sabiex ma' tesegwix l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati.

Jirrizulta, ghalhekk, illi fil-kaz odjern, l-unika haga “hazina” illi jidher illi ghamlet ir-rikorrenti skond l-intimat, huwa illi obdiet l-ordnijiet legittimi tal-Qorti tal-Magistrati illi kienet ordnat l-arrest ta' Rose Parnis.

**Ikkunsidrat**

Dina l-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi l-Pulzija qieghda hemm sabiex izommu l-kwiet u l-buon ordni u dan billijassikuraw illi l-ligijiet qed jigu osservati minn kullhadd kif ukoll, fost affarjiet ohra, sabiex jezegwixxu l-ordnijiet illi jinghatawlhom mill-Qorti tal-Magistrati.

Dina l-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll illi l-Pulizija, meta marru biex jarrestaw lill-Rose Parnis, kienu qed jezegwixxu ordni legittima mahruga mill-Qorti tal-Magistrati, ghal liema ordni Rose Parnis u t-tifel taghha Clive Parnis, kienu qed joggezzjonaw bil-herra u anke hebbew ghall-Pulizija.

Din il-Qorti, ghalhekk, tosserva illi l-Pulizija kienu qed jaghmlu xogholhom, meta marru biex jarrestaw lill-Rose Parnis, u jekk inqala dak illi inqala, li eventwalment gie rrappurtat mill-Maltatoday wara illi inghatalhom l-informazzjoni minn Parnis stess, dana inqala **unikament** ghax Rose Parnis irrifjutat illi tobdni l-ordnijiet tal-Pulizija u hebbet ghall-Pulizija sabiex l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati ma tigi osservata.

Finalment, il-Qorti tosserva illi huwa obbligu taghha illi tipprotegi l-liberta ta' l-espressjoni meta dina tigi invokata minn min ikun akkuzat ta' kitba libelluza, izda daqstant hija fl-obbligu illi tipprotegi wkoll id-dritt ghar-reputazzjoni ta' persuna meta dak hemm mitkub ikun ivvjola tali dritt peress illi mhux sostanzjalment veru.

Fil-kaz odjern, jirrizulta ben car illi dak mitkub fiz-zewgt artikoli meritu tal-kawza odjerna fil-konfront tar-rikorrenti s-Supretendent Sharon Tanti kienu kemm malafamanti kif ukoll libelluzi fil-konfront taghha ghax mhux sostanzjalment korretti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha ta’ l-intimat, u ghalhekk

**Tilqa** t-talbiet attrici kif dedotti u

**Tiddikjara** illi permezz ta’ zewgt artikoli intitolati 'Caught red handed and still no one seems to care' u 'Brute force blow by blow' ippubblikati t-tnejn fil-gazzetta Malta Today tal-11 ta' Ottubru 2009, l-intimat Matthew Vella, bhala editur, ippermetta illi tigi mmalafamata u illibellata r-rikorrenti billi saru assersjonijiet inkorretti fil-konfront ta' l-istess Supretendent Sharon Tanti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

Imghax ikun dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**